

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

## POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

**li tadotta l-Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja  
2012**

(2011/C 261/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314(3) tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Billi:

- (1) fis-26 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja 2012 <sup>(1)</sup>,
- (2) il-Kunsill eżamina l-proposta tal-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi ddefinita pożizzjoni konsistenti, fuq in-naħa tad-dħul, mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(2)</sup>, u fuq in-naħa tal-infiq, mal-Parti I tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba <sup>(3)</sup>, li, fin-nuqqas ta' qafas finanzjarju

multiannwali stabbilit skont l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxi l-istrument attwali applikabbli tad-dixxiplina baġitarja,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012 ġiet adottata mill-Kunsill fil-25 ta' Lulju 2011.

Jista' jinkiseb aċċess għat-test sħiħ għall-konsultazzjoni jew it-tniżżil minn fuq il-websajt tal-Kunsill: <http://www.consilium.europa.eu/>

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. DOWGIELEWICZ

<sup>(1)</sup> COM(2011) 300.<sup>(2)</sup> ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.<sup>(3)</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.